MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 942/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jane Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmien liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm508.55) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99225895;**
**Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u tmien liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm508.55), bl-imghax legali mit-13 ta’ Mejju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------